**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 185/19 RM**

**Maria Pia sive Pia Zammit (ID 219368M)**

**-vs-**

**Victor Vella (ID 444775M)**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Maria Pia sive Pia Zammit fit-30 ta' Awwissu, 2019 fejn l-attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut Victor Vella (1) Prevja dikjarazzjoni tal-Qorti illi (i) 1-artiklu intitolat '*Ritratt Kontroversjali ta' Pia Zammit ... Tispjega*' ppubblikat f'pagni 1 u 6 tal-harga ta' It-Torca tal-Hadd, 18 ta' Awissu, 2019 (Dok. A); u (ii) 1-artiklu intitolat *'M'Ghandux Ikun Hemm Cajt bl-Iswastika… 'insensivita' li tippoza bih*a' ppubblikat f'pagni 1 u 7 tal-harga ta' It-Torca tal-Hadd, 25 ta' Awissu 2019 (Dok. B) – ta' liema hargiet il-konvenut huwa l-editur - huma defamatorji u gew ppubblikati b'malizja biex jikkawzaw hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici u intimidazzjoni taghha, kif ukoll incitament ghad-disprezz u mibgheda tal-pubbliku lejha; u (2) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta' danni morali dik is-

somma li tigi likwidata ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ta' Victor Vella[1] ipprezentata fit-30 ta' Settembru, 2019 fejn eccepixxa:-

*"Illi it-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikoli de quo huma biss value judgement u l-esponenti hemm ta l-fatti sostanzjalment veri u kif irrizultaw lilu, u ghamel kummenti li jitqiesu bhala fair comment, dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta demokratika, kif ukoll*
*taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attrici sejset l-azzjoni odjerna fuq zewg stqarrijiet allegatament diffamatorji, li gew ippubblikati f'zewg hargiet tal-gazzetta It-Torca, li taghha l-konvenut Victor Vella jirrizulta li huwa l-editur. Minnufih dan ifisser illi l-azzjoni, bhala wahda ta' libell, giet korrettement istitwita kontra l-konvenut in linea mad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579)[2] li jipprovdi illi l-azzjoni ċivili għal malafama taht l-Att dwar kull ħaġa

[1] Fol. 8.
[2] Ir-referenza ghall-Kapitolu 579 minn hawn 'il quddiem ser tkun ghall-"Att".

ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra *inter alia*, l-editur. Kwantu b'mod partikolari, il-pubblikazzjoni tal-25 ta' Awwissu 2019, jirrizulta espressament mill-istqarrija nnifisha illi din giet ukoll mitkuba mill-konvenut.

Il-Qorti sejra tibda billi tirriproduci s-sostanza tal-istqarrijiet impunjati f'din il-kawza, inkluz it-titolu taghhom.

Fil-harga ta' **It-Torca tat-18 ta' Awwissu 2019**, wiehed isib ritratt mhux prominenti fuq il-faccata tal-gazzetta, akkumpanjat bil-kliem "**RITRATT KONTROVERSJALI" … PIA ZAMMIT TISPJEGA**". Il-pubblikazzjoni shiha tinsab f'pagna 6 tal-istess gazzetta konsistenti f'artikolu intestat: "**RITRATT KONTROVERSJALI … PIA ZAMMIT TISPJEGA LI DAK ITTIEHED *BACKSTAGE*"**, liema artikolu huwa akkumpanjat minn verzjoni mkabbra tal-istess ritratt li deher fuq il-faccata tal-gazzetta.

L-artikolu jibda hekk:-

"*Fl-ahhar jiem fuq ghadd ta' mezzi socjali fosthom whatsapp beda jitqassam ritratt ta' Pia Zammit. Ritratt kontroversjali u juri lil Pia Zammit, li hi maghrufa bhala wahda mill-attivisti ta' Occupy Justice, bi Swastika f'idejha.*

*Quddiem dan, IT-TORCA ghamlet kuntatt ma' Occupy Justice u ftit hin biss wara, Pia Zammit wiegbet u spjegat ic-cirkostanzi ta' dan ir-ritratt.*"

Il-bqija tal-istqarrija mbaghad tikkonsisti f'riproduzzjoni shiha tal-kummenti tal-attrici nnifisha, tradotti *verbatim* mill-Ingliz ghall-Malti, li saru bi twegiba ghat-talba tal-konvenut indirizzata lil #Occupyjustice ghal spjega dwar ic-cirkostanzi li fihom ittiehed ir-ritratt[3]. L-attrici giet kwotata tghid[4] illi r-ritratt ippubblikat kien ittiehed *backstage* waqt produzzjoni teatrali bl-isem "Allo Allo" li saret fl-2009 fit-Teatru Manoel, u fih tidher liebsa l-uniformi tal-SS b'simboli prominenti tas-swastika fuqha. L-artikolu jkompli jikkwota lill-attrici

[3] L-iskambju tal-komunikazzjoni originali giet esebita bhala Dok. MPZ4, fol. 46.

[4] Ara t-twegiba originali bil-lingwa Ingliza fuq il-pagna tal-Facebook tal-attrici, fol. 50, 51 (parti minn Dok. MPZ4)

meta fissret li f'dik il-produzzjoni hija kienet qed tintepreta l-karattru ta' certu Michelle Dubois tar-resistenza Franciza waqt it-Tieni Gwerra Mondjali, li kienu qed jiggieldu kontra n-Nazisti.

L-attrici giet kwotata wkoll tghid: "*Kif ghidt sena ilu, fi produzzjonijiet lili tarawi qarnita, sahhara, ninja spider, soru, sigra u gremxula. Dawn kollha se tispinnjawhom ukoll*!"

Kif ukoll:- "*… din mhijiex ahbar. Din mhux xi haga li tirrapporta dwarha. Dan hu attentat redikolu ta' intimidazzjoni. ... Kull attentat li jpinguni bhala xi haga li jien miniex, twassal biex niehu proceduri legali*."

Imbaghad, fil-harga ta' **It-Torca tal-Hadd 25 ta' Awwissu 2019**, wiehed isib l-istess ritratt fuq il-faccata tal-gazzetta, bil-kliem: "**M'GHANDUX IKUN HEMM CAJT BIS-SWASTIKA … insenstittivita` li tippoza bih**."

L-artikolu li jinsab f'pagna 7 tal-istess harga gazzetta huwa intestat "**M'GHANDUX IKUN HEMM CAJT BIS-SWASTIKA … insenstittivita` tippoza biha**" u jikkwota *verbatim* il-kummenti ta' "edukatur" b'rejazzjoni ghall-pubblikazzjoni fil-harga tat-18 ta' Awwissu 2019 u specifikatament, ghall-kummenti tal-attrici li kienu riprodotti f'dak l-artikolu. Dan l-edukatur gie rapportat jghid hekk fil-pubblikazzjoni tal-25 ta' Awwissu 2019:-

"*... Mhux argument li tghid li ghamilt hekk biex ticcajta jew biex tizzuffjetta. Simbolu bhal Swastika ghandu warajh massakru uman. Massakru li llum hemm eluf ta' nies li ghadhom imwegghin minhabba persuni li tilfu. Min jiccajta b'simboli simili ma jkun qed juri xejn ghajr insensittivita` ...*

Gie rapportat li din ir-rejazzjoni tal-edukatur saret *"... wara li beda jixxerred ritratt taghha bi swastika f'idejha ..."* Ghall-bqija, dan l-artikolu jiccita lill-imsemmi edukatur dwar okkazjonijiet ohrajn, fejn persuni promonineti, fuq livell internazzjonali, uzaw simobli Nazisti biex idahku, fosthom il-kaz ta' Prince Harry li qajjem furur ghaliex libes ta' Nazista u kaz iehor ta' studenti f'Newport Beach, California. L-edukatur gie kkwotat jghid illi dawk l-episodji

kienu qanqlu rejazzjoni li ghamlitha "*...car li hu zbaljat min jiccajta b'simboli li warajhom ghandhom storja negattiva ta' persekuzzjoni*" u li f'entrambi l-kazi, il-persuni koncernati spiccaw hargu apologiji. **L-artikolu mbaghad jerga' jirriproduci l-kummenti tal-attrici formanti parti mill-artikolu precedenti tat-18 ta' Awwissu 2019**.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta li l-attrici hija attrici tal-palk u tiehu sehem f'diversi recti, fosthom produzzjoni li saret fl-2009 imsejha "Allo Allo" li kienet ibbazata fuq serje televiziva komika bl-istess isem, liema serje kienet popolari, skont l-attrici, fuq l-istazzjoni tal-BBC fis-snin sebghin. Hija xehdet li r-retroxxena ta' din il-kummiedja kienet it-Tieni Gwerra Dinjija u l-isforzi tar-Resistenza Franciza kontra l-okkupazzjoni Germaniza. L-attrici stqarret ukoll illi hija wahda mill-amministraturi tal-pagna tal-Facebook ta' #Occupyjustice, u filwaqt li cahdet li hija attivista, fissret illi hija wahda mill-persuni wara #Occupyjustice.

L-attrici xehdet ukoll li hassitha malafamata bil-pubblikazzjonijiet mertu ta' din l-azzjoni, ghaliex kuntrarjament ghal dak li gie pubblikat, ir-ritratt m'huwiex ritratt kontroversjali ghaliex dan kjarament ittiehed fir-rwol taghha bhala attrici tal-palk u ghall-finijiet tar-recta "Allo Allo". Xehdet ukoll illi l-uzu ta' dan ir-ritratt mill-konvenut sar deliberatament biex tinholoq kontroversja bl-imputazzjoni li fil-hajja personali taghha u bhala persuna konnessa ma' #Occupyjustice, hija tabbraccja l-ideologija Nazista. Fissret ukoll illi n-narrattiva li tinsilet mill-pubblikazzjonijiet impunjati, hi li Nazista.

L-attrici xehdet hekk:-

"*... jiena m'inhiex Nazista. It is one of the worst things I could have been called. One of the worst. It goes against everything I believe in and I feel very*

*strongly about this ... My narrative out there is Pia Zammit is a Nazista. I have been accused of it publicly.*"

Xehdet ukoll:-

"*it-Torca has ensured that the narrative is Pia Zammit, attivista ta' Occupy Justice, hija Nazista. By ensuring that the photo is out there, they are [c]ementing this status.*"

L-attrici ssostni li kienet liebsa l-iswastika ghall-finijiet tal-produzzjoni u mhux ghaliex hi Nazista jew li ghandha xi affinita` ma' dak li tirrapprezenta l-iswastika. Fissret specifikatament illi l-libell jikkonsisti fil-fatt illi kuntrarjament ghal dak li gie ppubblikat fuq il-faccata ta' It-Torca fil-harga tat-18 ta' Awwissu 2019, ir-ritratt in kwistjoni mhuwiex ritratt kontroversjali u gie ppubblikat ghaxar snin wara li ttiehed[5], minghajr referenza ghall-kuntest li fih ittiehed bl-iskop li jfixkel id-distinzjoni bejn l-unformi li kienet liebsa bhala parti minn play, u l-persuna li hi fil-hajja personali taghha.

B'referenza specifika ghall-pubblikazzjoni tat-18 ta' Awwissu 2019, ilmentat bis-segwenti silta:- "*Ritratt kontroversjali u li juri lil Pia Zammit li hi maghrufa bhala wahda mill-attivisti ta' Occupy Justice bis-swastika f'idejha*".

Fir-rigward, l-attrici xehdet:-

"*Issa dan mhuwiex kontroversjali. Kontroversjali ghax ghidt inti li huwa kontroversjali. Dan huwa ritratt ta' attur back stage fil-kostum ta' backstage. Very easily proved. It is all there. This is a very popular play which was on at the Manoel Theatre to packed houses.*"

L-ilment tal-attrici fissritu f'dan il-kliem: "*... when the photo is shown without context on the front page of a very popular newspaper, people see the Nazi insigna...*" Ziedet tghid illi fl-opinjoni taghha, ir-ritratt "*wahdu plus l-artikolu tat-Torca*" huwa libelluz.

---

[5] Kontro-ezami tal-attrici, fol. 31.

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni ta' libell istitwita taht id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ["l-Att"][6]. Din il-ligi, li hadet post il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, giet evidentement imfassla b'riproduzzjoni kwazi testwali tad-Defamation Act, UK, 2013, li dahlet fis-sehh fis-sena 2014 u introduciet diversi kuncetti godda fil-ligi tal-malafama, fosthom il-kriterju ta' *serious harm* permezz tal-Artikolu 3(4) tal-Att.

Din id-dispozizzjoni tistipola illi **stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba**.

Dan ir-rekwizit ta' hsara serja jew potenzjal ta' hsara serja, introdott ghall-ewwel darba permezz tal-ligi l-gdida fil-Kap. 579, jistabbilixxi *threshold* ferm iktar oneruz u impenjattiv ghas-success ta' azzjonijiet ghal malafama, milli dak li kien rikjest taht il-Ligi tal-Istampa[7]. Jinghad ukoll li dan il-kriterju m'huwiex marbut mal-*quantum* tad-danni likwidabbli f'kaz li l-istqarrija titqies li hija malafamanti, izda huwa relevanti esklussivament ghas-success tal-azzjoni, sabiex jigi determinat jekk l-istqarrija impunjata ghandhiex titqies bhala diffamatorja jew le ghall-finijiet tal-Att.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-istharrig mehtieg mill-Artikolu 3(4) tal-Att dwar l-element tal-hsara serja, huwa wiehed li ghandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taht l-Att u dan mill-Qorti *sua sponte* minghajr il-htiega li titressaq eccezzjoni *ad hoc* fir-rigward u dan ghaliex il-kriterju jincidi fuq l-azzjonabbilita` tal-allegat malafama. Dan ifisser illi anke jekk jirrizulta li l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-kontestazzjoni kif prospettati mill-Att, ma jkunux

[6] Att XI tal-2018 - Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta.
[7] Kap. 248.

fondati jew altrimenti ma jissodisfawx il-kriterji mehtiega mil-ligi ghas-success taghhom, l-azzjoni tista' xorta wahda tfalli t-test stabbilit mill-Artikolu 3(4) tal-Att jekk jirrizulta illi wara kollox il-pubblikazzjoni ma rrekatx u m'hijiex kapaci li tirreka, hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ressqet l-azzjoni.

Qabel l-introduzzjoni fis-sehh tad-Defamation Act UK, 2013, *common law* kienet tesigi illi sabiex titqies bhala diffamatorja:-

*"...a statement must substantially affect the claimant's reputation ... or have a tendency to do so. ... Tugendhat J. reasoned that a threshold of seriousness was also required to secure conformity with the guarantee of freedom of expression in article 10 of the European Convention on Human Rights (ECHR).*
*...*
*"... the requisite threshold was one of substantiality ...: a publication will convey a defamatory meaning if it substantially affects in an adverse manner the attitude of other people towards the claimant, or has a tendency to do so.*"[8]

Din ukoll kienet il-pozizzjoni taht ir-regim legali tal-Ligi tal-Istampa (Kapitolu 248[9]), izda wara d-dhul fis-sehh tal-Att, azzjoni ta' libell ghall-fini tal-istess Att trid tigi soggetta ghat-test tas-serjeta` tal-hsara lir-reputazzjoni. Il-Gatley, fil-kummenti tieghu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act UK[10], jghid illi l-mera tendenza tal-imputazzjoni li tincidi negattivament u b'mod sostanzjali fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma ghadhiex iktar sufficjenti sabiex issostni azzjoni taht il-ligi l-gdida, ghaliex din introduciet kriterju ferm iktar oneruz minn hekk. Effettivament, taht id-Defamation Act 2013 u ugwalment taht l-Att dwar il-Midja u l-Malafama li, kif rajna, jikkonsisti f'riproduzzjoni kwazi identika tat-test tal-ligi Ingliza, stqarrija, biex titqies bhala diffamatorja, ghandha mhux biss tkun kapaci li tolqot hazin ir-reputazzjoni tal-persuna izda **ghandha tikkaguna jew tkun kapaci li tikkaguna hsara sejra lir-reputazzjoni**.

[8] Collins, On Defamation, 2014, p. 125.
[9] Abbrogat permezz tal-Att XI tal-2018.
[10] On Libel and Slander (2013 Ed.) 2.6, p. 41.

Fi kliem Collins[11], din ir-regola: "*… operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where **the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or likely to suffer, serious reputational harm** or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss*." [emfasi tal-Qorti]

Mizmum ferm il-premess, jinghad illi qabel xejn, dak li ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini li jigi stabbilit jekk dan il-kriterju huwiex milhuq fil-kaz partikolari, huwa jekk il-pubblikazzjoni impunjata ikkagunatx hsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq l-azzjoni tal-libell, jew jekk fihiex il-propensita` li tirreka hsara serja lir-reputazzjoni tieghu fil-futur. Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-kaz partikolari, il-pubblikazzjoni impunjata **tolqot hazin u b'mod gravi u sostanzjali l-attitudni ta' persuni ohrajn fil-konfront tas-soggett tal-malafama b'mod li tikkaguna jew hi kapaci tikkaguna hsara serja**. Fil-generalita` tal-kazi, ghall-fini ta' dan l-istharrig ikun jehtieg li ssir referenza, fost ohrajn, ghan-natura tal-imputazzjoni addebitata bil-pubblikazzjoni impunjata u ghall-mezz u l-firxa tal-pubblikazzjoni, kif ukoll ghandu jitqies jekk il-kliem humiex kapaci fil-kuntest partikolari taghhom, ikunu diffamatorji ghal dik il-persuna partikolari[12].

Skont il-Gatley:-

"*… whether a publication has caused or is likely to cause, serious harm is likely to require a careful investigation of facts of the particular case and in particular the inherent gravity of the allegation, the nature and status of the publisher and publishee, the claimant's current reputation and financial position, **and whether similar allegations have been published before**.*"[13] [emfasi tal-Qorti]

Ikkunsidrat;

[11] On Defamataion, 2014 Ed. Page 128 6.56
[12] Collins, On Defamation (2014 Ed.), p. 128 6.56.
[13] Gatley, On Libel and Slander (2013 Ed.), p. 41, 2.5.

Issa fil-kaz in dizamina, l-essenza tal-ilment tal-attrici hi li fil-pubblikazzjonijiet impunjati, ir-ritratt taghha gie deskritt bhala wiehed kontroversjali minghajr ebda referenza ghall-kuntest li fih kien ittiehed, u inghata prominenza bhala ritratt kontroversjali fuq il-faccata ta' zewg hargiet ta' gazzetta popolari, bl-imputazzjoni li hi persuna li tappoggja n-Nazismu.

Kwantu ghad-deskrizzjoni tar-ritratt bhala wiehed kontroversjali, il-Qorti tosserva li dan ittiehed waqt li l-attrici kienet qed izzomm f'idejha, b'mod evidentement deliberat, zewg simboli tal-iswastika[14]. Mhux kontestat illi r-ritratt ittiehed mhux fuq il-palk waqt ir-recta nnifisha, izda *backstage* waqt il-produzzjoni bl-isem "Allo Allo" fl-2009.

Il-Qorti tibda biex tosserva li mhix ragjonevoli l-aspettattiva tal-attrici illi kulhadd jifhem u jiftakar li dak ir-ritratt, li **fih innifsu mkien ma juri xi rabta specifika mar-recta "Allo Allo**"[15], kien wiehed li ttiehed f'retroxxena ta' produzzjoni komika li ttellghet fit-Teatru Manoel ghaxar snin qabel. Wara kollox, mhux kulhadd ghandu memorja ta' jew kien familjari ma' dik il-produzzjoni u ghalhekk, il-Qorti ma taqbilx li dan ir-ritratt mehud kif inhu, seta' jintrabat biss mal-produzzjoni "Allo Allo" u ma' xejn iktar, *multo magis* diversi snin wara l-produzzjoni li ppartecipat fiha l-attrici.

Ghall-Qorti, huwa ovvju li b'din il-poza partikolari, l-attrici kienet qieghda inevitabbilment tesponi ruhha ghal xi xorta ta' kritika, partikolarment meta wiehed iqis li ghad hawn persuni f'bosta setturi tas-socjeta` li ghexu, jiftakru jew ghandhom xi xorta ta' rabta mas-sofferenzi li gab mieghu l-massakru u genocidju li sehh taht ir-regim Nazista. Dan fih innifsu huwa bizzejjed biex ir-ritratt jitqies bhala wiehed b'element kontroversjali.

---

[14] Ghalkemm fix-xhieda taghha l-attrici oggezzjonat ghas-suggeriment li kienet qed tippoza ghar-ritratt in kwistjoni, hi taqbel li r-ritratt ma kienx ittiehed waqt ir-rectar tal-play innifsu izda waqt li l-atturi kienu qed jippreparaw biex johorgu fuq il-palk.

[15] Ma saritx allegazzjoni li r-ritratt gie b'xi mod editjat.

Edward Mercieca xehed illi dan ir-ritratt ittiehed: "*backstage ... l-atturi jizzuffettjaw ... waqt li qed tirrilassa qabel titla' fuq il-palk gieli tiehu xi ritratti ... dan huwa ritratt illi juri ezattament hekk.*"[16] Izda fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi r-ritratt ittiehed *backstage* ma jnehhi xejn mill-element kontroversjali tieghu. Ghall-kuntrarju, jinghad illi l-poza - waqt mument rikrejattiv - bis-simboli tan-Nazismu, tikkostitwixxi appuntu l-element kontroversjali tar-ritratt ghaliex huwa fatt notorju fis-socjeta` tal-lum illi cajt assocjat mas-simboli ta' genocidju u massakru uman, m'huwiex accettabbli u *de mininis*, huwa insensittiv.

Hawnhekk ma jistax ma jigix osservat illi mix-xhieda jirrizulta illi **r-ritratt kien originarjament imtella' mill-attrici nnifisha fuq il-pagna tal-Facebook taghha personali u kien accessibbli ghall-pubbliku**, tant illi affermat hija stess fix-xhieda taghha illi **l-istess ritratt beda jigi mxerred fuq mezzi tal-midja socjali minn terzi persuni fis-sena 2018**. Il-Qorti tqis illi l-fatt illi wiehed ikun qieghed volontarjament itella' fuq il-midja socjali - l-iktar mezz effettiv ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni ta' informazzjoni, opinonijiet u idejat - ritratti tieghu nnifsu f'certu pozi, konxju tal-iskrutinju tal-pubbliku u tal-kummenti li inevitabbilment sejrin iqanqlu, ifisser illi **dik il-persuna ghandha taccetta kritika inkluz dik negattiva, u ghandha tittollera espressjonijiet ta' opinjoni anke dawk li xi kultant iniggzu**.

Huwa minnu illi, kwantu ghall-pubblikazzjonjiet impunjati, ir-ritratt ma giex ippubblikat mill-konvenut fil-kuntest tar-rapportagg dwar il-produzzjoni tar-recta nnifisha u li gie ppubblikat wara t-trapass ta' diversi snin. Izda galadarba r-ritratt mhux biss ittiehed bil-kunsens tal-attrici izda kien diga` jinsab ukoll fid-demanju pubbliku, l-attrici kellha ragjonevolment tistenna certu grad ta' kritika ghan-nuqqas ta' sensittivita` ghall-memorja tragika li jista' jqanqal l-istess ritratt mehud kif inhu, u dan indipendentement mill-kuntest li fih ittiehed ir-ritratt.

[16] Fol. 81.

Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma illi r-ritratt fih innifsu jista' ragjonevolment jitqies bhala wiehed kontroversjali u li hu kapaci jqajjem sentimenti ta' rabja jew stmerrija f'certu settur tal-popolazzjoni.

Ikkunsidrat;

L-attrici fix-xhieda taghha sostniet ukoll li l-libell jikkonsisti fil-pubblikazzjoni tar-ritratt in kwistjoni, *out of context* jew minghajr referenza ghall-kuntest li kien gie mehud. Izda jigi osservat illi fil-pubblikazzjonijiet impunjati, **ir-ritratt ma giex ppubblikat wahdu minghajr ebda accenn ghall-produzzjoni "Allo Allo" u ghar-rwol tal-attrici f'dik ir-recta**. Ghall-kuntrarju, minn ezami hafifa taz-zewg pubblikazzjonijiet, jirrizulta mhux biss li hemm referenza distinta ghall-produzzjoni "Allo Allo", talli l-pubblikazzjoni tar-ritratt giet akkumpanjata minn riproduzzjoni **kelma b'kelma (bil-Malti minflok bl-Ingliz) tal-verzjoni shiha moghtija mill-attrici lill-konvenut dwar ir-retroxxena tar-ritratt**, fejn xejnet ukoll l-imputazzjonijiet li hija diga` kienet fil-mira taghhom[17] meta l-istess ritratt kien gie cirkolat fuq il-midja socjali minn terzi persuni qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu tat-18 ta' Awwissu 2019[18]. F'dan l-isfond, il-Qorti fehmet illi l-pubblikazzjoni tat-18 ta' Awwissu 2019 ma ghamlet xejn hlief **qieghdet ir-ritratt in kwisjoni fil-kuntest imfisser mill-attrici nnifisha testwalment, u tat pjattaforma lill-attrici biex tfisser bla tlaqliq u b'mod prominenti l-pozizzjoni u l-verzjoni taghha**.

Hawnhekk, b'referenza ghal dak li xehdet l-attrici meta qalet:- "*when the photo is shown without context on the front page of a very popular newspaper, people*

[17] L-attrici xehdet: "*In twenty eighteen it* [ir-ritratt] *was being shared stating that I was a Nazi*". – fol 29.

[18] L-attrici xehdet hekk: *"… April twenty eighteen … kelli kwistjoni on-line ma' Matthew Borg li ma jezistix, xi hadd jismu Jes Grima imma ma ghandix idea min hu, u Jeffrey Pullicino Orlando … Now these three people went through my time-line, found this photo and started sharing it online. I went to Facebook and got the photo removed from everywhere and I received a message from these individuals saying: "You can remove it from Facebook. It is now on our hard drive. … Issa, so I'm suspecting a year and a half later it started doing the rounds again*."

*see the Nazi insigna"*, il-Qorti tissenjala li ma taqbilx illi l-qarrej ordinarju li jara r-ritratt ippubblikat fuq il-faccata, jassocja lill-attrici man-Nazismu anke jekk il-qarrej kellu jilmah biss ir-ritratt ippubblikat fuq il-faccata u ma jaqrax l-artikolu shih fuq gewwa. **Dan ghaliex it-titolu tal-ewwel artikolu tat-18 ta' Awwissu 2019, anke dak fuq il-faccata tal-gazzetta, diga`, fih innifsu jwassal lill-qarrejja l-prospett ta' gustifikazzjoni ghat-tehid ta' dak ir-ritratt, bil-kliem: "*PIA ZAMMIT TISPJEGA*"**. [emfasi mizjud tal-Qorti]

Fir-rigward, gie ritenut illi fid-determinazzjoni dwar jekk imputazzjoni addebitata permezz ta' artikolu pubblikat f'gazzetta, ghandha ssir referenza ghall-artikolu shih u mhux biss ghat-titolu jew ir-ritratti li jakkumpanjawh, ghalkemm xi qarrejja jistghu wkoll jifformaw impressjoni minghajr lanqas jaqraw it-test innifsu tal-artikolu. Fid-decizjoni tal-High Court tal-Awstralja fil-kaz **John Fairfax Publications Pty Ltd v Rivkin**, Callinan J. qal hekk in propositu:-

"*It is true that an article has to be read as a whole. But that does not mean that matters that have been emphasised should be treated as if they have only the same impact or significance as matters which are treated differently. A headline for example, treated pithily and necessarily incompletely, but designed to catch the eye and give the reader a predisposition about what follows, may well assume more importance than the latter... Layout may create its own impression ... The order in which matters are dealt with can be significant. The capacity of the first parapgraph of an article, the intro, to excite the reader's attention is a matter upon which editors place store.*"[19]

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti tqis li l-pubblikazzjoni fuq il-faccata ta' It-Torca tat-18 ta' Awwissu 2019, ma thallix il-qarrej jifforma biss l-impressjoni tal-attrici tippoza bis-simboli tan-Nazismu, ghaliex taghmilha car minnufih illi l-artikolu fuq gewwa huwa mahsub biex ifiehem il-pozizzjoni tal-attrici dwar dak l-istess ritratt. Huwa evidenti li dan m'huwiex kaz fejn l-konvenut warrab il-pozizzjoni tal-attrici ghall-korp tal-artikolu, jew ippospona dik l-ispjega ghal xi

[19] [2003] HCA 50, (2003), 201 ALR 77

parti oskura tal-istess artikolu, ghaliex **il-verzjoni tal-attrici tokkupa l-parti l-kbira tal-pubblikazzjoni**.

Kwantu mbaghad ghall-pubblikazzjoni fil-harga tal-25 ta' Awwissu 2019, din minnufih teskludi anke fit-titolu nnifsu, li r-ritratt jirrapprezenta xi realta` dwar l-attrici ("***cajt*** *bl-iswastika*"[20]).

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni dwar jekk l-istqarrija impunjata effettivament taddebitax lill-persuna li taghmel it-talba, l-imputazzjoni lamentata, hija wahda ta' fatt. Fil-kaz in dizamina, ghalkemm huwa minnu li l-artikolu impunjat jiddeskrivi u jaghti prominenza lir-ritratt tal-attrici bhala wiehed kontroversjali, liema ritratt kif diga` stabbilit, jista' ragjonevolment jigi hekk deskritt, fil-fehma tal-Qorti il-pubblikazzjoni kif impostata ma taghmilx imputazzjoni li l-attrici thaddan sentimenti Nazisti. **Effettivament, fil-pubblikazzjonijiet impunjati, l-attrici mkien ma giet deskritta bhala Nazista jew li b'xi mod iehor ghandha rabta ma' jew tappoggja l-principji Nazisti u fil-fehma tal-Qorti, huwa difficli tirravviza x-xorta ta' imputazzjoni li l-attrici fissret fix-xhieda taghha**[21]. Il-Qorti tqis illi huwa **l-element tal-insensittivita` tal-poza u l-ironija tal-kuntrast bejn ir-rwol tal-attrici bhala persuna li hi involuta fl-amministrazzjoni ta' #Occupyjustice, u l-poza cajtiera taghha b'simboli tan-Nazismu**, li tinsilet mill-pubblikazzjoni tat-18 ta' Awwissu 2019[22], anzicche` imputazzjoni li l-attrici hija Nazista.

L-attrici tikkontendi ulterjorment li l-imputazzjoni fil-pubblikazzjonijiet li hija Nazista, tinsilet mill-fatt illi meta l-istess artikoli gew ippubblikati fuq mezzi ohrajn tal-midja socjali, anke tal-konvenut innifsu, dawn ixprunaw kummenti

---

[20] Emfasi tal-Qorti.
[21] "*It-Torca has ensured that the narrative is Pia Zammit, attivista ta' Occupy Justice, hija Nazista. By ensuring that the photo is out there, they are* [c]*ementing this status.*"
[22] L-artikolu tal-25 ta' Awwissu 2019 ma taghmel l-ebda referenza ghar-rwol tal-attrici fil-#Occupyjustice.

ta' tmaqdir minn diversi persuni li tellghu ir-rejazzjonijiet taghhom ghar-ritratt taghha bl-iswastika, fejn giet deskritta bhala persuna li tissimpatizza man-Nazisti u bniedma ipokrita u disgustanti. L-attrici esebiet *screen shots* ta' bosta kummenti ta' tmaqdir indirizzati fil-konfront taghha b'rabta mar-ritratt in dizamina, liema kummenti gew imtellghin *on-line* fuq diversi pjattaformi elettronici fosthom il-pagna tal-Facebook ta' The Times of Malta (fol. 58), pagna tal-Facebook ta' inewsmalta.com (Dok. MPZ7) u pagna tal-Facebook ta' Tony Zarb (Dok. MPZ9).

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li l-azzjoni ta' malafama istitwita mill-attrici permezz tar-Rikors promotur f'din il-kawza, hija diretta unikament fil-konfront tal-konvenut Victor Vella u msejsa espressament fuq iz-zewg artikoli ppubblikati mill-konvenut fil-gazzetta It-Torca fil-hargiet tat-18 ta' Awwissu 2019 u fil-25 ta' Awwissu 2019, annessi mal-istess Rikors promotur, u fuq xejn iktar. L-oggett tal-malafama f'din il-kawza, kif imfisser specifikatament mill-attrici nnifisha fir-Rikors promotur, jikkonsisti fl-imsemmija zewg artikoli u mhux fil-kummenti tal-persuni li jidhru fid-dokumenti minnha esebiti. Inoltre, is-soggett passiv tal-azzjoni odjerna huwa l-konvenut Victor Vella bhala editur ta' It-Torca, u mhux dawk il-persuni li tellghu kummenti offensivi jew il-persuni jew entitajiet li pprovdew il-pjattaforma biex jigu ppubblikati dawn il-kummenti[23].

Hu minnu li l-pubblikazzjonijiet impunjati setghu ipprovokaw rejazzjonijiet li gew imfissrin f'termini offensivi fil-konfront tal-attrici, izda l-**element diffamatorju li jehtieg li jigi riskontrat mill-Qorti bl-applikazzjoni tal-kriterju tal-qarrej ordinarju u mhux il-kriterju tal-qarrej b'agenda politiku socjali jew xort'ohra, jew il-qarrej li huwa rapprezentattiv biss ta' settur partikolari tas-socjeta`**. Inoltre, dan l-element diffamatorju jehtieg li

[23] Kif jghid il-Collins in propositu:- *"As the test is an objective one, evidence as to how a statement was actually understood by its recipients is irrelevant in determining the imputation or imputations conveyed by the statement and thus inadmissible."*

jigi identifikat fil-pubblikazzjoni *ut sic* u mhux fir-rejazzjonijiet li din setghet ipprovokat u lanqas fit-tmaqdir li l-istess ritratt seta' diga` pprovoka fil-passat.

Jinghad ukoll fir-rigward:-

"*... regard must be had to the context in which the statement was made and evolving social mores and opinions. Whether a statement is defamatory is assessed by reference to the standards of society as a whole, and not sectional attitudes.*"[24]

L-attrici toggezzjona ghall-fatt illi l-pubblikazzjonijiet impunjati rabtuha mar-rwol taghha mhux ta' artista, imma ta' persuna konnessa mal-#Occupyjustice u sostniet ukoll illi hija hassitha intimidata u mdejqa wkoll bil-fatt illi l-konvenut ikkomunika maghha fuq il-Facebook page ta' #Occupyustice u mhux fuq il-Facebook page personali taghha.

M'huwiex kontestat illi l-attrici hija wahda mill-persuni li tamministra dan il-profil fuq Facebook, liema persuni, kif inhuwa maghruf pubblikament, jorganizzaw attivitajiet pubblici tas-socjeta` civili ("*we fight for truth and justice*"[25]) b'ideologija ferm imbieghda minn dik tan-Nazismu.

Fir-rigward, il-Qorti taqbel li l-imputazzjoni li persuna li hija attiva fis-socjeta` fil-promozzjoni tal-valuri kuntrarji ghal dawk tan-Nazismu, hija Nazista jew tissimpatizza mal-ideologija tan-Nazismu, tista' tkun kapaci tirreka hsara fuq ir-reputazzjoni ta' dik il-persuna. Madanakollu, fil-kaz in dizamina, kif diga` stabbilit, **ma taqbilx illi din l-imputazzjoni partikolari hija wahda li tinsilet mill-pubblikazzjonijiet impunjati, kif imfasslin**.

Il-Qorti tqis illi mill-perspettiva tal-qarrej ordinarju, il-pubblikazzjonijiet hekk kif imfasslin, ma jimputawx lill-attrici li ghandha simpatiji Nazisti. *Multo magis* meta, kif rajna, l-artikolu shih tat-18 ta' Awwissu 2019 u parti mill-

[24] Collins, ibid. 6.04, p.116.
[25] Fol. 26.

artikolu tal-25 ta' Awwissu 2019, huwa dedikat ghall-pubblikazzjoni tal-kummenti *verbatim* tal-attrici b'rejazzjoni taghha ghall-fatt, del resto inkontestat, illi r-ritratt in kwistjoni kien qed jigi cirkolat fuq mezzi tal-midja socjali u bi spjega tac-cirkostanzi li fihom ittiehed ir-ritratt. Il-fatt li fil-pubblikazzjoni tat-18 ta' Awwissu 2019, jingibed kuntrast ironiku bejn ix-xbieha tal-attrici tizzuffjetta bl-iswastika f'idejha, u r-rwol taghha f'#Occupyjustice, ma jfissirx li l-istqarrija hija diffamatorja, kif **ma jfissirx lanqas li stqarrija hija diffamatorja semplicement ghaliex hija nieqsa minn valur gurnalistiku jew m'hijiex ta' interess pubbliku generali**.

Ikkunsidrat;

Kwantu specifikatament ghat-**tieni pubblikazzjoni fil-25 ta' Awwissu 2019**, din irrapportat l-opinjoni ta' "edukatur" b'rejazzjoni ghall-pubblikazzjoni tar-ritratt, kif ukoll riproduciet ghat-tieni darba u fl-intier taghhom, il-kummenti tal-attrici rapportati fl-ewwel pubblikazzjoni tat-18 ta' Awwissu 2019. Il-Qorti ma riskontrat assolutament xejn li jista' jitqies bhala malafamanti ghall-attrici f'din il-pubblikazzjoni jew li jista' jikkagunalha hsara, wisq anqas hsara sejra lir-reputazzjoni taghha. Il-fehmiet rapportati fil-pubblikazzjoni in kwistjoni ghalkemm xprunati mill-kontenut tal-pubblikazzjoni precedenti u mill-istess ritratt tal-attrici bl-iswastika f'idejha, jittrattaw b'mod generali l-insensittivita` tal-uzu ta' simbolu li jirrapprezenta massakru uman ghall-fini ta' cajt jew divertiment u l-kontroversja li dan l-uzu jqanqal u diversi drabi effettivament qanqal.

Din l-istqarrija tal-25 ta' Awwissu 2019 hija, fil-fehma tal-Qorti, xejn hlief espressjoni ta' kritika gustifikata f'socjeta` moderna dwar ritratt li fih innifsu huwa kapaci li jqajjem kontroversja proprju ghaliex – kif imfisser ampjament iktar qabel - **ittiehed f'qaghda cajtiera minghajr il-grad mistenni ta' sensittivita` li jehtieg li jintwera ghas-sofferenzi marbutin mas-simboli li jidhru fih**.

Kif ritenut in tema:-

"*There is a distinction between imputing what is **merely a breach of conventional etiquette**, and what is illegal, mischievous or sinful.*"[26]

Ikkunsidrat;

Mizmum ferm il-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti tqis illi hija nieqsa l-prova li l-pubblikazzjonijiet impunjati huma ta' xi kalibru li jistghu jikkawzaw hsara lir-reputazzjoni tal-attrici, wisq anqas hsara serja lir-reputazzjoni taghha. Ma ntweriex b'mod sodisfacjenti li dawn il-pubblikazzjonijiet jew wahda minnhom kellhom imqar il-propensita` li jipperswadu lill-qarrej ordinarju jemmen li l-attrici hija attivista tan-Nazismu jew thaddan simpatiji nazisti, specjalment meta r-ritratt kien originarjament ippubblikat mill-attrici nnifisha fuq il-pagna tagha tal-modja socjali u meta ma saret l-ebda imputazzjoni ta' din ix-xorta. Il-pubblikazzjonijiet in dizamina, bla dubju, esponew lill-attrici bhala persuna involuta f'#Occupyjustice li, darba minnhom bhala artista fi produzzjoni drammatika, accettat li tippoza ghal ritratt cajtier *backstage* liebsa kostum bi parafernalja Nazista. **Madanakollu, dawn m'huma xejn hlief fatti li, ghajr ghal element ta' kontroversja, ironija u nuqqas ta' sensittivita`, ma jimputaw l-ebda realta` partikolari dwar l-attrici jew xi realta` li hija kapaci tirreka hsara sejra lir-reputazzjoni taghh**a.

B'zieda mal-premess, jinghad ukoll illi galadarba hemm qbil illi r-ritratt kien diga` fid-demanju pubbliku, il-pubblikazzjoni tieghu mill-konvenut ma setghet qatt tirreka l-ebda hsara lir-reputazzjoni tal-attrici, *multo magis* meta, kif diga` nghad, **il-konvenut qieghed ir-ritratt fil-kuntest li gie mfisser mill-attrici**

[26] **Clay v. Roberts** (1863) 8 LT 397 (Ex), 398 (Pollock CB), Collins on Defamation [2014], page 125.

**nnifisha u meta ta prominenza, sija fl-artikoli akkumpanjanti u sija wkoll fit-titoli tal-pubblikazzjonijiet, lill-verzjoni u l-pozizzjoni tal-istess attrici**.

Ghall-Qorti, il-fatt illi ritratt li **l-attrici stess tistqarr li wahdu m'huwiex libelluz**[27] **u kien diga` ilu jigi ppubblikat u mxerred fuq mezzi tal-midja socjali**, gie mbaghad ippubblikat fuq il-faccata u fl-intern ta' gazzetta minghajr ma gie akkumpanjat b'xi kliem offensiv jew imputazzjoni ta' simpatiji nazisti, illegalita` jew immoralita` izda semplicement bl-ispjega *verbatim* moghti mill-attrici nnifisha dwar il-kuntest li fih kien ittiehed dak l-istess ritratt, ma jistax jitqies bhala malafamanti fil-konfront tal-attrici. Mhux biss hija nieqsa l-imputazzjoni mfissra mill-attrici fix-xhieda taghha, izda kif rajna, iz-zewg pubblikazzjonijiet jirrapportaw esklussivament il-verzjoni tal-attrici dwar il-kuntest tar-ritratt u l-fehma ta' terza persuna dwar l-implikazzjonijiet tat-tehid u pubblikazzjoni in generali ta' ritratti ppuzati li juru simboli ta' Nazismu, u xejn iktar.

Mimzumin ferm il-konsiderazzjonijiet kollha maghmula fir-rigward, il-Qorti tqis illi huwa mankanti l-element ta' hsara serja lir-reputazzjoni tal-attrici u kwindi l-azzjoni ta' libell tfalli irrimedjabbilment.

Ikkunsidrat;

Stabblit dan, il-Qorti xorta wahda thoss li ghandha tindirizza l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, li jilqa' ghall-azzjoni tal-attrici billi jichad illi l-istqarrijiet impunati huma malafamanti, ghaliex jikkostitwixxu *value judgement* filwaqt li l-kummenti ghandhom jitqiesu bhala *fair comment.* Kwantu ghad-difiza ta' *fair comment*, ghalkemm kienet kontemplata espressament fil-Kap. 248, din ma gietx trasposta fil-ligi l-gdida li sostitwiet l-Att dwar l-Istampa u effettivament ma hijiex prospettata mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579). Minflok, l-Att introduca d-difiza tal-"*opinjoni onesta*" fl-Artikolu 4(2),

[27] Fol. 29.

liema difiza hija regolata b'diversi disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 4(2) u huma applikabbli ghaliha kriterji differenti minn dawk li kienu jirregolaw id-difiza tal-kumment gust taht il-Kap. 248. Fi kwalsiasi kaz, anke biex tkun gusta mal-konvenut, il-Qorti sejra tittratta l-eccezzjoni tal-konvenut ta' *fair comment* bhala difiza ta' opinjoni onesta a tenur tal-imsemmi Artikolu 4(2) tal-Att.

Dan jipprovdi:-

*4(2) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li lkundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti:*

*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni;*
*(b) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi talopinjoni;*
*(ċ) li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –*
*(i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew*
*(ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel iddikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.*

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi l-publikazzjonijiet in dizamina, fl-assjem taghhom, ma jistghux jitqiesu hlief bhala espressjonijiet ta' fehma dwar il-fatt konsistenti fir-ritratt tal-attrici. Ma gie imputat l-ebda stat ta' fatt lill-attrici. Dawn l-istqarrijiet, ghalhekk, ghandhom jigu trattati bhala *value judgement* li, ghall-fini ta' difiza f'azzjoni ta' malafama, jehtieg li jintwera illi huma xprunati minn fatti li huma sostanzjalment veri, ghalkemm mhux mehtieg li tigi ppruvata l-verita` tal-fatt:-

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment*

*may be excessive if it has no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II).*"[28]

Din id-difiza tal-opinjoni onesta tista' titqajjem biss[29] meta l-persuna aggravata hija persuna pubblika entro t-tifsira moghtija mis-subartikolu (5), u ghas-success tad-difiza jridu jikkonkorru wkoll il-kriterji l-ohrajn kollha elenkati fl-Artikolu 4 tal-Att. Bla dubju, l-attrici, li kif jirrizulta mid-depozizzjoni taghha stess[30] kif ukoll mill-kummenti taghha riprodotti fil-pubblikazzjonijiet impunjati, hija attrici professjonali li abitwalment tiehu sehem f'diversi produzzjonijiet teatrali[31]. Ghaldaqstant, billi l-pubblikazzjonijiet impunjati jikkontjenu r-ritratt taghha fejn kienet qed tippoza bil-kostum tal-karattru li kienet qieghda tinterpreta bhala parti minn produzzjoni teatrali u billi dawn evidentement jirreferu ghat-twettiq tal-professjoni taghha bhala attrici, l-attrici ghandha titqies li hija persuna pubblika ghall-fini tad-difiza tal-opinjoni onesta.

B'zieda ma' dan, jirrizulta wkoll illi z-zewg pubblikazzjonijiet in dizamina fihom riproduzzjoni tar-ritratt tal-attrici. Dan ir-ritratt huwa l-oggett ewlieni tal-istqarrijiet mertu ta' din l-azzjoni, bhalma huwa wkoll il-fatt illi l-attrici tifforma parti minn #Occupyjustice. Dan ifisser illi l-istqarrijiet impunjati jindikaw speċifikatament il-bażi tal-opinjoni impunjata u ghaldaqstant, ir-rekwiziti tal-Artikolu 4(2)(b) tal-Att huma wkoll sodisfatti.

Kwantu mbaghad ghar-rekwizit (ċ) tal-Artikolu 4(2) tal-Att, cioe` li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Fil-pubblikazzjoni tat-18 ta' Awwissu 2019, l-istqarrija li hija impunjata mill-attrici bhala diffamatorja tikkonsisti fl-istqarrija tal-konvenut illi r-ritratt

---

[28] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 3348/96, deciz 17 ta' Dicembru 2004 ECHR.

[29] Subartikolu (3) tal-Artikolu 4.
[30] Fol. 17, 20
[31] "*I am an actor, I am a paid actor. … And as an actor I do what I am asked to do.*" Kontro-ezami tal-attrici, fol. 33.

ippubblikat huwa "*Ritratt kontroversjali u juri lil Pia Zammit, li hi maghrufa bhala wahda mill-attivisti ta' Occupy Justice, bi Swastika f'idejha.*" Diga` gie stabbilit illi r-ritratt jista' ragjonevolment jitqies bhala wiehed kontroversjali ghaliex il-qaghda cajtiera tal-attrici bl-iswastika f'idejha hija wahda insensittiva oggettivament u ghaliex illi jezisti wkoll element ta' ironija meta dan ir-ritratt jitpogga fil-kuntest tal-attrici bhala **persuna li hi involuta fl-amministrazzjoni tal-#Occupyjustice.**

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi l-istqarrija tal-konvenut tista', minghajr wisq diffikolta`, titqies bhala opinjoni ta' persuna onesta kif jehtieg l-Artikolu 4(2)(c)(i) tal-Kap. 579.

Ghall-kompletezza, il-Qorti tissenjala wkoll illi ma giex ippruvat illi l-konvenut ma kellux dik l-opinjoni u kuntrarjament ghal dak allegat fir-Rikors promotur, lanqas intwera sodisfacjentement illi l-pubblikazzjoni tar-ritratt saret malizzjozament. Ghall-kuntrarju, jirrizulta li fiz-zmien li gew ippubblikati l-istqarrijiet in kwistjoni, ir-ritratt tal-attrici kien qed jigi mxerred fuq il-pjattaforma socjali Whatsapp: fatt li wkoll gie zvelat fil-pubblikazzjonijiet impunjati f'din il-kawza. Dan m'huwiex kontestat mill-attrici li stqarret hija stess li l-istess ritratt kien diga` gie cirkolat fuq mezzi ohrajn tal-midja socjali f'April 2018.

Fir-rigward, il-Qorti tqis illi ma giex ippruvat sodisfacjentement illi l-konvenut kien jaf bit-tixrid tar-ritratt sena qabel u l-konvenut innifsu xehed illi fl-2009, meta gie ppubblikat l-artikolu dwar ir-recta "Allo Allo" fil-gazzetta It-Torca fl-2009 (Dok. MPZ2), huwa ma kienx l-editur tal-gazzetta. Xehed ukoll illi hu kien gie mdahhal gewwa sub-group fuq il-pjattaforma Whatsapp, fejn beda jigi cirkolat ir-ritratt tal-attrici u fost hafna kummenti dwaru, intqal li l-persuna li tidher fir-ritratt hi attivista tal-Occupy Justice. Il-konvenut spjega illi peress li ma kienx jaf jekk ir-ritratt kienx awtentiku jew jekk kienx gie mimsus, hu baghtu direttament lill-pagna tal-Facebook ta' Occupy Justice biex jitlob il-kummenti taghhom dwar il-kuntrast li huwa ppercepixxa bejn l-emblema murija

fir-ritratt tal-attrici u l-messagg tal-Occupy Justice. L-attrici, meta xehdet in kontro-ezami, qablet mas-suggeriment li sarilha illi l-konvenut talab ghall-kumment min-naha tal-Occupy Justice, biex il-pozizzjoni ta' kulhadd tkun rapportata espressament[32].

Kwantu ghall-pubblikazzjoni fil-harga ta' It-Torca tal-25 ta' Awwissu 2019, il-konvenut xehed kif in segwitu ghall-pubblikazzjoni tar-ritratt u l-kummenti tal-attrici fil-harga tal-gazzetta tat-18 ta' Awwissu 2019, huwa gie kkuntattjat minn edukatur li talab li jigi pubblikat il-fehma tieghu illi simboli ta' mibgheda ma ghandhom qatt jigu pubblikati ghal ebda raguni li jkun. Diga` gie stabbilit illi din hija espressjoni ta' kritika gustifikata f'socjeta` moderna dwar ritratt li fih innifsu, huwa kapaci li jqajjem kontroversja proprju ghaliex ittiehed f'qaghda cajtiera minghajr il-grad mistenni ta' sensittivita` ghas-sofferenzi marbutin mas-simboli li jidhru fih. Ghaldaqstant, jirrizulta illi din l-istqarrija wkoll tikkostitwixxi espressjoni ta' opinjoni onesta ghall-finijiet tal-Artikolu 4(2) tal-Att, liema opinjoni ghaldaqstant tissodisfa l-kriterji kollha ghas-success tad-difiza sollevata mill-konvenut.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi kollha, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tqis li l-pubblikazzjonijiet imsemmija fir-Rikors promotur mhumiex diffamatorji fit-termini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u Malafama, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attrici.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**

[32] Fol. 40.